MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2004

Numru 425/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Bond)**

**vs**

**Jean Pierre Mamo**

**Illum 16 ta' Gunju, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Jean Pierre Mamo, bin Emanuel u Louisann mitwielda Robisboun, imwieled tal-Pieta` fis-07/10/1982, u joqghod Nru. 22, Flat 8, North Street, Valletta, li ghandu numru tal-karta ta' identita` 546182(M), gie akkuzat:

Talli matul il-lejl ta' bejn il- 31 ta' Mejju, 2004 u l- 1 ta' Gunju, 2004 waqt li ;kien fi Triq Piscopo Macedonia, Xemxija, kkommetta serq ta' stereo t'ghamla "Aiwa" kif ukoll zewg speakers t'ghamla "Jansen" u ghodda minn go karozza li ggib numru DAH-024 t'ghamla Kia Pride li l-valur tal-imsemmija oggetti jaccedi l- Lm100 izda 'nqas minn Lm1,000 ghad-dannu ta' AnneMarie Gatt minn Haz-Zebbug (Malta), liema serq hu ggravat bil-mezz, valur, hin u xorta tal-haga misruqa.  U aktar talli kkaguna hsara voluntarja fl-istess karozza liema hsara taccedi l- Lm50 izda 'nqas minn Lm500 u dan ghad-dannu tal-istess Anne Marie Gatt;

Kkommetta serq ta' stereo t'ghamla "Pioneer", CDs u pompa tal-arja minn go karozza li ggib numru BAJ-805 t'ghamla Opel Astra, li l-valur taghhom jaccedi l- Lm100 izda 'nqas minn Lm1,000 ghad-dannu ta' Ruth Schreiner mix-Xemxija, liema serq hu ggravat bil-mezz, valur, hin u xorta tal-haga misruqa.  U aktar talli kkaguna hsara voluntarja fl-istess karozza liema hsara taccedi l-Lm50 izda 'nqas minn Lm500 u dan ghad-dannu tal-istess Ruth Schreiner.

U aktar talli matul l-istess lejl u fl-istess hinijiet waqt li kien fi Triq il-Gdida fi Triq Katerina Vitali, San Pawl il-Bahar, bil-hsieb li jisraq oggetti tal-hi fi kif ukoll oggeti ohra minn go karozza li ggib numru HAS-359 t'ghamla Hyundai Accent li l-valur taghhom jaccedi l-Lm100 izda 'nqas minn Lm1,000, wera dan il-hsieb b'attijiet esterjuri u ta bidu ghal ezekuzzjoni ta' dan id-delitt, billi lleva wahda mill-bibien tal-imsemmija karozza, liema delitt ma gietx ezegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta` tieghu, liema attentat ta' serq hu ggravat bil-mezz, valur, hin u xorta tal-haga misruqa u dan ghad-dannu ta' Steven Hili minn San Pawl il-Bahar.  U aktar, talli kkaguna hsara volontarja fuq l-istess karozza, liema hsara taccedi l-Lm50 izda 'nqas minn Lm500 u dan ghad-dannu tal-istess Steven Hili.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. PBP1 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta ta' llum l-imputat iddikjara li hu ma jridx li jkun assistit minn avukat u ghalhekk qieghed jirrinunzja ghall-patrocinju ta' Dr. Leslie Cuschieri bhala Avukat tal-Ghajnuna Legali.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ghal aktar minn darba dwar id-dritt tieghu li jkun assistit minn avukat u l-imputat rega' rrisponda li hu ma jridx li jkun assistit minn avukat u li ghalhekk qieghed jirrinunzja ghall-patrocinju ta' Dr. Leslie Cuschieri.

Innutat ukoll li fl-istess Seduta l-imputat ammetta l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Paul Bond iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u li hu konsapevoli li l-imputat irritorna r-refurtiva.

Rat l-artikoli 261(b), (c), (f) u (g), 263, 267, 270, 271(g), 278(3), 280(2), 281(b), 41(1)(a) u 325(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Jean Pierre Mamo, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-eta` u l-Fedina Penali tal-imputat u l-fatt li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Paul Bond iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u li hu konsapevoli li l-imputat irritorna r-refurtiva, wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Jean Pierre Mamo ghall-piena komplessiva ta' sentejn prigunerija u

tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' erba' (4) snin millum l-imputat Jean Pierre Mamo jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Jean Pierre Mamo l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------